**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 24

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 24.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 23

24.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tlieta u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

24.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

24.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini, l-minuti tat-tlieta u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

### 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar it-tiġdid tal-karta tal-identita. Huwa spjega kif dan il-proċess ser isir fi 6,7,8 u 9 ta' Mejju, 2026 fis-Sala ż-żgħira ta' Villa Lija bil-kolloborazzjoni tal-Kappillan. L-uffiċjali ta' Identita Malta żaru l-post u qablu fuq id-dati u l-post. Huma ukoll ser joħorġu il-poster bid-dettalji għal dan il-għan.

24.3.2 Is-Sindku wara tkellem fuq il-latrini pubbliċi tal-lokalita. Qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' Uffiċċjali fid-Dipartiment tal-Cleansing & Maintenance f'Hal-Luqa. Kompli jgħid kif ġie maqbul li se jinbidlu ż-żewġ faċilitajiet. Il-Latrina tal-Pjazza se taqa u terga tinbena mill-ġdid, ovjament bil-finazjament li kiseb il-Kunsill mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Ġie spjegat ukoll kif il-Perit u t-tekniċi tal-Cleansing Dept. iltaqgħu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fuq il-post, l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2026. Il-Perit issa ser ilesti l-pjanti biex wara jiġu approvati mill-Kunsill f'seduta oħra li tista tkun seduta straordinarja. L-Equipment kollu biss ser ikun automated.

24.3.3 Rigward il-latrina tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv is-Sindku spjega kif ser ikun qed isir l-istess proċess u din mhux se tinbidel għal waħda fully automated, għax skond il-parir tad-Dipartiment tal-Cleansing dan il-metodu mhux prattiku u jinqalgħu ħafna problemi fl-operat maż-żmien.

23.3.4 Fl-aħħar is-Sindku tkellem dwar problema ta' parkeġġ fi Triq Mons. J. Fenech. Huwa qal kif il-problema tal-parking quddiem il-garaxxijiet faċċata tad-dar nru 3; reġgħet ġiet irreferuta lill-Kunsill wara li sar il-wiċċ ġdid fl-istess triq u ġew miżbugħa l-linji sofor kif kien propost minn TM fis-sena 2016. Dan l-ilment kien ġie diskuss ukoll f'seduta preċedenti tal-Kunsill. Is-Sindku qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv issa ser jiltaqgħu ma' min għamel l-ilment biex forsi tinstab soluzzjoni darba għal dejjem inline mal-qisien skond l'MVR maħruġ minn TM. Fl-akkwati hemm anke il-problema tal-gallariji li trid titqies.

### 24.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

24.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 24.5 Korrispondenza

24.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2026/000152
b. 2026/000153
c. 2026/000156
d. 2026/000162
e. 2026/000173
f. 2026/000187
g. 2026/000195
h. 2026/000205

i. 2026/000211

24.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 24.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita – l-ewwel laqgħa għas-sena 2026

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

24.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ir-rapport amministrattiv diġà ġie kkumpilat minnha u ser jitressaq bħala item f'din il-laqgħa stess. Ir-rapport finanzjarju u kif ukoll l-pjan ta' Ħidma diġà ġew approvati fis-seduta preċedenti.

24.6.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill fil-14 t'April 2026 fis-6:00pm.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport Amministrattiv 2025

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq mejda r-rapport amministrattiv għas-sena 2025 li ppreparat hija stess fejn ġie spjegat kif il-kontenut ta' dan ir-rapport jitratta dwar il-ħidma u l-operat tal-Kunsill għal dik is-sena. Inkluż ma' dan ir-rapport anke kien hemm ir-rapporti ta' ħidma tal-Kunsilliera kollha u kopja ta' kollox ingħatat lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta.

24.7.2 Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedoni Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia.

## 24.8 Skema Animal Welfare 2026 – Dog park

24.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni skema kif maħruġa mill-animal Welfare flimkien ma' Project green fejn kunsilli lokali qed jingħataw sapport biex joħolqu spazji rikreattivi, sensory play areas u green pockets għall-animali fosthom dog parks u cat cafes.

24.8.2 Is-Sinjura Seguna spjegat kif kemm il-darba interessat il-Kunsill lokali jista jissottometti applikazzjoni waħda sat-30 ta' April 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kundizzjonjiet ta' din l-iskema kollha li l-Kunsill irrid jqis sewwa qabel ma japplika. Hemm ċans li l-Kunsill Lokali jingħata sa massimu ta' €50,000.

24.8.3 Is-Sindku qal kif dwar din l-iskema tħadded ukoll ma' residenta li għandha għal qalba ħafna l-annimali fejn din infurmat lis-Sur Dalli kif wieħed irrid jaħseb u joqgħod attent fejn jiġi mplementat d-dog park, speċjalment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, minħabba l-ħmieġ tal-ġrieden, għax dan ta' periklu għalihom. Għalhekk il-Kunsill ser ikompli jaħsiba u iddeċieda li f'każ li tkun ser tiġi sottomessa applikazzjoni jerġa anke jkellem lil din ir-residenta.

## 24.9 Inizjattiva Minn Pjazza għal Pjazza

24.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif mħabbra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ' Minn Pjazza għal Pjazza'. Permezz ta' din l-iskema Kunsilli Lokali jistgħu joħolqu esperjenzi artistiċi u kultura fil-qalba tal-komunita tagħhom, fil-pjazza. Il-Kunsill Lokali permezz ta' din l-iskema jikkommetti ruħu jorganizza attività kkordinata b'kollaborazzjoni mad-Direttur Artistiku propost mill-Kunsill Malti għall-arti, għad-divertiment tal-familja kollha. Is-Sindku kompla jitkellem fuq din l-iskema. Applikazzjonijiet jagħlqu sat-28 ta' Marzu 2026.

24.9.2 Is-Sur Dalli qal li kif kien ġie diskuss waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill (Frar 2026) kien hemm qbil li s-Sindku kellu jħajjat laqgħa fi stadju ta' kumitat għall-Kunsilliera biex flimkien jiddiskutu l-parteċipazzjoni tal-Kunsill u jekk tintagħżel il-proposta tal-Kunsill, jaraw ukoll x'se tkun tinvolvi din l-attivita.

Din il-laqgħa filfatt saret fl-14 ta' Marzu 2026 ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fl-10:00am, wara li ntbagħtet notifikazzjoni bl-imejl mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kunsilliera kollha. Preżenti għal din il-laqgħa kien

24.9.3 hemm is-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Calcedonio Cini u l-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsilliera Diane Abela Penza ma setgħatx tkun preżenti filwaqt li l-Kunsillier Carl Betts ma bgħat l-ebda risposta dwar jekk mhux ser jattendi jew le.

24.9.4 Waqt din il-laqgħa ġew proposti dawn il-punti:

- Biex l-attivita bħala l-ewwel għażla id-data tkun it-Tnejn 6 ta' Lulju, 2026
- It-Tieni għażla bħala data tkun il-Ġimgħa 3 ta' Lulju, 2026

Is-Sindku nforma lil membri, li kif waqt laqgħa ta' nformazzjoni li saret ftit tal-ġranet qabel, ingħata l-parir li kunsilli lokali jista jitolbu li jikkonsultaw mal-amministrazzjoni u l-koordinaturi ta' dan il-proġett dwar id-data. Filfatt Is-Sindku żied jgħid kif il-Kunsill aktarx ma jkunx jista japplika għas- 6 ta' Lulju, peress li din taħbat ma' Jum il-Lokal u tal-parir li għalhekk minnflokk il-kunsill japplika għat- 8 ta' Lulju, 2026.

24.9.5 Is-Sur Dalli kompla jispjega kif it-tema kulturali dan il-proġett u bħala attivita li kieku tkun kif ġej:

- Isir l-iffirmar tal-ewwel kostituzzjoni ta' Malta li saret fit-Torri Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni Ħal Lija. Ukoll issir żjara fil-Knisja il-Qadima tas-Salvatur.
- Ġie propost ukoll li tintalab l-għajnuna tal-Profs. Cassar, li huwa ntiż ħafna dwar l-istorja ta' Ħal Lija.
- Isir leaflet tal-okażżjoni.
- It-Torri u l-Knisja l-Qadima jinfetħu għall-pubbliku waqt l-ġurnata tal-okkażjoni.
- Jittieħdu ritatti fejn tista ssir esebizzjoni fil-pjazza ewlenija tar-raħal.
- Isir film (feature) qasir dwar l-attivita tal-Kostituzzjoni u l-istorja ta' dan it-Torri u l-Knisja l-Qadima tas-Salvatur.
- Jiġu nvoluti l-għaqdiet li jieħdu ħsieb il-Festa, biex jiġi organizzat BBQ b'ikel tradizzjoni Malti u bar għal min iżur l-attivita.
- Isir logħob tradizzjoni għat-tfal li jattendu.
- Jiġi mistieden grupp ta' għannejja u żeffiena biex jissaħħaħ il-Folklor Malti.
- Fl-aħħar tas-serata jkun hemm grupp/band ta' Fużjoni folkloristika jew modern folk.

24.9.6 Is-Sur Dalli qal kif ser tkun qed timtela applikazzjoni ta' interess skond dawn il-kriterji imsemmija kollha u l-Kunsilliera kollha qablu u sabux oġġezzjoni.

## 24.10 Update dwar il-Manutenzzjoni tal-Latrini Pubbliċi

24.10.1 L-Update dwar il-Manutenzzjoni tal-Latrini Pubbliċi, diġà kienet ingħatat mis-Sindku Anthony Dall, f'din l-istess seduta, waqt il-Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 24.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

24.11.1.1 <u>SPI SCI 1 2026 Attivitajiet Kulturali Annwali 2026</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment Tal-Gvern Lokali biex jitellaw attivitajiet kulturali annwali 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-attivitaijiet li jistgħu jiġi ffinanzjati jridu jitellaw bejn 1 ta' Ġunju 2026 u 31 ta' Diċembru 2026, għalhekk nfurmat lil kunsill kif ma jistax japplika għal festival taċ-ċitru. Qalet ukol kif id-dipartiment nfurmaha li ser tkun qed tinħareġ skema oħra għal attivitajiet kulturali li biha l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija jkun jista jkopri l-ispejjeż tal-festival taċ-ċitru 2027, kif dejjem għamel.

24.11.1.2 Filfatt Is-Sinjura Seguna għarfet lil Kunsill ukoll kif skond punt 3.2 ta' din iċ-ċirkulari l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija mhux eliġibbli japplika għal din l-iskema u l-finanzjament tagħha. Dan peress li l-Kunsill diġà applika għal skema Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 bin-numru SPI SCI 02/2025 biex sar il-Festival taċ-Citru 2026. Il-Kunsilliera ħadu nota.

24.11.2.1 <u>SPI SCI 2 2026 – Finanzjament Lokalitajiet aktar Nodfa 2026</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jgħaqqdu l-komunitajiet bl-għan li jitwettaq tindif li permezz tiegħu l-lokalitajiet rispettivi jingħataw dehra aktar nadifu u sana. Kemm il-darba nteressat l-Kunsill jista japplika sat- 8 ta' Mejju 2026. Ser jingħata finanzjament sa massimu ta' €1,500 u l-attivita ta' tindif trid issir biss bejn 1 ta' Settembru u 30 ta' Settembru 2026.

24.11.2.2 Il-Kunsill iddeċieda li alissa ma jissottomettiex applikazzjoni.

24.11.3.1 **SPI SCI 3 2026 – Finanzjament Attivitajiet tal-Milied 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jitellaw attivitajiet fiż-żmien tal-Milied. Attivitajiet jistgħu jiġi mplementati mill- 1 ta' Diċembru 2026 sat- 8 ta' Jannar 2027. Il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €15,000 u jrid japplika sad- 29 ta' Mejju 2026.

24.11.3.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jerġa japplika għal din l-iskema biex ikun jista jsir il-Christmas Market għas-sena 2026.

24.11.4.1 **SPI SCI 4 2026 – Finanzjament Manutenzzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill lokali jkun jista jżomm fi stat tajjeb dawk il-proġetti infrastrutturali maġġura ġewwa r-raħal. Il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €30,000 u jrid japplika sas-26 ta' Ġunju 2026.

24.11.4.2 Il-Kunsill għadu mhux deċiż dwar l-applikazzjoni li ser jissottometti però ġie kkunsidrat li forsi għandha tidaħħal applikazzjoni biex jiġi rranġant l-equipment li hemm fil-Ġnien Tal-Mirakli.

24.11.5.1 **SPI SCI 5 2026 – Finanzjament Komunitajiet akbar b'saħħithom u ta' kwalità**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali jkun f'pożizzjoni aħjar li jwettaq proġetti jew inizjattivi biex jgħinu l-komunita tkun aktar b'saħħitha u ta' kwalità. Il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €100,000 u jrid japplika sal-24 ta' Lulju 2026.

24.11.5.2 Il-Kunsill għadu ma ddeċiedix dwar xiex ser japplika taħt din l-iskema. Is-Sindku għarraf lil kunsilliera kollha biex kull mingħandu xi idea jew suġġeriment jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv bi imejl, biex din il-materja umbagħad terġa tiġi diskussa.

24.11.6.1 **SPI SCI 6 2026 – Finanzjament Karnival 2027**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista jorganizza attivitajiet bit-tema tal-Karnival. Il-Kunsill jrid jagħżel il-perjodu ta' meta ser titella l-attivita jekk mhux fi xitwa jew fi sajf u jista jibbenifika sa massimu ta' €5,000. L-applikazzjoni trid tidaħħal sat- 28 ta' Awwissu 2026.

24.11.6.2 Wara diskussjoni żgħira li saret, finalment il-Kunsill alissa ma ħax deċiżjoni li japplika għal din l-iskema.

24.11.7.1 **Sistema ġdida tal-accounts 'cloud based' – kwotazzjonijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif hemm bżonn tinbidel is-sistema tal-accounts tal-kunsill lokali, dan kif irrakkomandat fi ċirkulari numru 1/2026 tal-Gvern Lokali. Peress li d-dipartiment tal-gvern lokali ħoloq sistema ta' chart of accounts ġdida huwa għaqli li l-Kunsill Lokali jagħmel update tas-sistema tal-accounts għal waħda aktar moderna u cloud based li takkomoda din ic-chart of accounts. Is-Sinjura Seguna qalet kif hija ġabet erba kwotazzjonijiet ta' sistema cloud based u anke għaddiethom għal parir tal-accountant għax fuq kollox hija ser tkun qed tagħmel użu l-aktar minn din is-sistema u trid tkun komda għaliha ukoll biex taħdem bl-aħjar mod professjonali.

24.11.7.2 Is-Sa Segua spjegat il-kwotazzjonijiet mibgħuta u nfurmat lil Kunsill kif l-accountant tat parir li tingħtażel is-sistema bl-isem summa cloud li din intbgħatet mill-Progressive Solutions. Pero l-accountant xorta mhux tobbliga lil kunsill jimxi ma' dan il-parir.

24.11.7.3 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jipproċedi bl-irħas kwotazzjoni, kif dejjem għamel.

24.11.8.1 **Aġġornament dwar is-Servizz tal-Knis u t-tender li kien ħareġ il-Kunsill – LLC05/2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat aġġornament dwar il-każ tat-tender tal-Knis bin-numru LLC 05/2023 u l-appell li kien sar dwar id-deċiżjoni tal-award ta' dan it-tender, fejn l-appell kien sar kemm mal-PCRB u kif ukoll mal-Qorti. Is-Sa Seguna qalet kif fl-aħħar ġie kkonfermat li m'hemmx aktar appelli u l-Kunsill jista jipproċedi billi jikkuntatja l-bidder li kien ġie rrakkomandat għall-award. Pero s-Sa Seguna qalet kif x'ħin hija propju għamlet hekk, il-bidder li kien ġie magħżul irrifjuta, peress li issa għaddew sentejn u qal li l-prezzijiet ta' sentejn ilu m'għadhomx l-istess.

24.11.8.2 Is-Sa Seguna qalet li b'hekk il-kunsill ma jifdallux għażla ħlief jerġa joħroġ it-tender li kien ħareġ għal darb oħra b'mod immedjat. Hija qalet ukoll kif il-kunsill irid japprova temporanjament servizz tal-knis ieħor sadanittant, għaliex il-proċedura biex jinħareġ tender hija waħda twila u ir-raħal ma jistax joqgħod mingħajr knis sakemm issir din il-proċedura mill-ġdid.

24.11.8.3 Il-Kunsill approva b'mod unanimu li terġa tinħareġ it-tender tal-knis u sadanittant jestendi s-servizz tal-Knis li għandu mal-kuntrattur eżistenti, kif diġà kellu jagħmel, kemm il-darba dan jibqa ma jsibx oġġezzjoni, sal-aħħar ta' Ġunju.

24.11.9.1 <u>Kwotazzjonijiet - mwejjed tal-piknik</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni kwotazzjonijiet għall-imwejjed tal-piknik biex jinxtraw tnejn u jitpoġġew fil-ġnien ċentru rikreattiv kif diġà kien ġie deċiż li jsir fi seduta preċedenti oħra.

24.11.9.2 Is-Sa Seguna qrat il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill iddeċieda li jmexxi bl-irħas kwotazzjoni.

24.11.10.1 <u>Aġġornament dwar ix-xogħol fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Sindku qal kif mal-ġardinar bħala servizz, il-Kunsill sejjer tajjeb ħafna. Il-ħaxix ħażin fil-ġnien kollu neħħieħ, baqa biss kemm jdur l-kantunieri u anke fil-jiem li ġejjien ser jagħmel is-siġar ta' Vjal it-trasfigurazzjoni. Is-Sa Diane Abela Penza staqsiet jekk mhux ser jitpoġġew Oleanders ġodda fil-konki fejn m'hemmx għax mietu. Is-Sindku wieġeb kif il-Kunsill kien xtara oleanders però ma jistgħux jitweħlu fil-konok għax dawn iridu jkunu żgħar u kien hemm minn tah parir biex jixxetlu milli hemm diġà. Il-Ġardinar qed jgħin lil kunsill bl-aħjar mod biex jara jista jsir fil-konok il-vojta u ssa l-oleanders li kien xtara il-Kunsill ser jitpoġġew fil-ġnien qabel ma jmutu.

24.11.10.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif fjuri fil-ġnien il-ġardinar għamel anke kemm setgħa però jaf jkollu bżonn jtih ftit aktar il-Kunsill. Ġew implementati pipes ġodda ukoll ta' irrigazzjoni fil-ġnien bl-għajnuna tal-ħaddiema.

24.11.10.3 Is-Sindku rrimarka biss li minħabba anke l-latrina hemm bżonn li l-Kunsill japplika għall-ilma tal-gvern għaliex jekk tieqaf il-pompa ma jkunx hemm ilma. Il-Kunsill ser ikun qed japplika għal main tal-ilma kif xieraq.

24.11.11.1 <u>Aġġornament dwar il-counts li saru fi Triq Robert Mifsud Bonniċi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-counts li saru fi Triq Robert Mifsud Bonniċi biex jiġi determinat l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn din it-triq both ways fil-ġurnata u biex il-Kunsill ikun jista jiddetermina jekk għandix issir one-way jew le. Kopja ta' dawn il-counts ingħatat lil Kunsilliera kollha.

24.11.11.2 Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex fil-kumdita tagħhom u fil-jiem li ġejjien iduru bil-kwiet dawn il-counts li saru u dan biex finalment il-Kunsill ikun jista jkompli jiddiskuti x'jista jsir biex titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq Robert Mifsud Bonniċi abbażi ta' dawn il-counts.

24.11.12.1 <u>Imejl mingħand is-surmast tal-iskola – Jum il-premjazzjoni 2026</u>
Is-Sa Seguna għarfet lil Kunsilliera kif il-Kunsill irċieva imejl mingħand is-surmast tal-iskola fejn invita lis-sindku Anthony Dalli flimkien mas-Sindki ta' Balzan u Iklin biex ikunu preżenti fil-Jum tal-premjazzjoni (prize day) bħal ma jsir kull sena. Is-Sindku ser jattendi għal din il-premjazzjoni u s-surmast saqsa ukoll lil kull kunsill jekk għal sena oħra tkunx tista tingħata ftit għajnuna biex jinxtraw il-kotba li ser jingħataw lit-tfal.

24.11.12.2 Fis-sena 2025 is-Sa Seguna qalet kif il-Kunsill kien approva li tingħata s-somma ta' €150 bħala għajnuna u staqsiet jekk il-Kunsill japprovax li terga tingħata din l-istess somma ta' għajnuna. Kunsilli ġirien din l-għajnuna ser jagħtu ukoll. Il-Kunsilliera kollha approvaw li tingħata din iċ-ċifra.

24.11.13.1 <u>Talba mera – Triq Annibale Preca</u>
Residenta qed tagħmel talba mal-Kunsill Lokali biex titweħħel mera fejn il-hairdresser biex hija li għandha garaxx faċċata tkun tista tagħmel użu minnu ħalli toħroġ aktar komda mill-garaxx b'inqas riskji ta' aċċidenti.

24.11.13.2 Il-Kunsill approva din t-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

24.11.14.1 <u>Suġġeriment tabelli ta' direzzjoni – Sant Anton Gardens</u>
Tressaq suġġeriment biex fi Triq Ġużeppi Portelli jitweħlu tabelli ta' direzzjoni apposta biex wieħed ikun jaf li jista jgħaddi minn Triq Ġużeppi Portelli biex jasal fejn Sant Anton Gardens.

24.11.14.2 Il-Kunsill unanimament approva li jiġi ordnati u mplementati dawn iż-żewġ tabelli kif meħtieġ.

## 24.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

24.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 03/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €9.07 għax-xahar ta' Frar 2026.

24.12.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 03/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 24.13 Mozzjonijiet

24.13.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 24.14 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

24.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA/01255/26 – 17, Utopia, Triq Ħal Bordi, Lija.
PA/01359/26 – 3 Triq Annibale Preca, Sqaq Nru 1, Lija.
PA/01472/25 – Triq Giuseppe Cali, Lija.
PA/01507/26 – 6, Casa Bartolo, Triq Enejja, Lija.
PA/01707/26 – 154, La Beneamata, Triq Annibale Preca, Lija.
PA/00742/26 – Kalimera, Triq il-Kardinal Ferretti c/w Triq Annibale Preca, Lija.
PA/04188/23 – Sqaq ta' Sejduna c/w Triq Ħalmann, Lija.
PA/01719/26 – 17, Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq nru 1 and 37 Sant Joseph, Triq N.Cottoner, Lija.
PA/01834/26 – 9, Triq Mabel Strickland c/w Triq id-Dejqa, Lija.
PC/00052/12 – Tal-Mirakli Area, Kardinal Ferretti str, Salvu Mifsud str, Triq il-Maħlut, Triq Carmelo Farrugia and Triq Annibale Preca, Lija.

24.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

24.14.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, jiġu sottomessi ittra ta' rappreżentazzjoni / oġġezzjoni fuq:
PA/04188/23 – Sqaq ta' Sejduna c/w Triq Ħalmann, Lija.
PA/01719/26 – 17, Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq nru 1 and 37 Sant Joseph, Triq N.Cottoner, Lija.
PA/01834/26 – 9, Triq Mabel Strickland c/w Triq id-Dejqa, Lija.
Il-Kunsill aktarx ser jikteb ukoll dwar PC/00052/12 – Tal-Mirakli Area, Kardinal Ferretti str, Salvu Mifsud str, Triq il-Maħlut, Triq Carmelo Farrugia and Triq Annibale Preca, Lija. Pero alissa f'dan l-istadju ser ikun qed isir site meeting mal-applikant u l-perit tal-permess flimkien mal-kunsill u t-town planner tal-Kunsill.

## 24.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.15.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

24.15.2 Il-Viċi Sindku qal kif il-Ħarġa ta' San Ġużepp kienet waħda ta' suċċess u issa warajha jmiss l-ewwel l-ħarġa tas-seba visti u wara anke hemm ħarġa oħra għal-Mużew tal-ferrovija (l-istazzjon) ta' Bkara. Dan kollox kif diġà kien ġie diskuss fi seduti preċedenti.

24.15.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dak il-monument tal-larinġ. Is-Sindku wieġeb kif il-ħidma għadha għaddeja fuqu u kif il-Kunsill jkollu stima tiġi mgħoddija lid-Direttur Ġenerali għall-approvazzjoni.

24.15.4 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia, fakrett biex jiġi ordnat il-bukket tal-Fjuri għal Jum il-ħelsien. Dan ser jiġi ordnat kif dejjem sar mill-amministrazzjoni.

24.15.5 Il-Kunsiller Diane Abela Penza ssuġġeriet l-idea li tiġi organizzatha ġewwa ir-raħal, maratona jew mixja ta' 5K u 2K. Is-Sindku wieġeb kif din biex issir però fiha ħafna ħsieb, xogħol, loġistika u anke flus apparti proċeduri oħra tal-għeluq tat-toroq minħabba safety. Huwa qal kif jekk filkas joħorġu xi skemi l-Kunsill jista jikkunsidra jara jistax japplika għal xi attività simili. Huwa staqsa lis-Sa Abela Penza meta kellha l-ħsieb li din issir u hija wieġbet kif issa l-aħjar issir wara is-Sajf ta' San Martin biex jippermetti it-temp. Idealment is-Sa Abela Penza qalet kif tajjeb il-

24.15.6 Kunsill jsib sponsers għal attività bħal din. Is-Sindku wieġeb biex jekk hija taf xi ħadd li għamila jew għandha xi informazzjoni li tista tkun ta għajnuna, għandha tagħmel ir-riċerki neċessarji u tiġbor kollox u tgħaddihom lill-amministrazzjoni.

24.15.7 Is-Sindku qal kif issa anke daqt ġejja Jum Ħal Lija li din diġà tirrikjedi ħafna xogħol u din is-sena huwa jixtieq li kull kunsillier jtella u jagħmel xi attività żgħira skond id-dekasteru tiegħu u jieħu ħsiebha hu jew hi. Huwa qal hekk biex il-Kunsilliera kollha jieħdu sehem u filfat jibdew jaħsbu x'jistgħu jagħmlu individwalment.

24.15.8 Is-Sindku għalaq is-seduta billi Awgura l-Għid it-tajjeb lil Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lir-residenti u pubbliku kollu.

24.15.9 Il-Ħin kien 6:28pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 21 ta' April 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa ssir fil-16:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' April 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| LLC FEB2026/000146 | 18/02/2026 | Josette Vella | EPRT | Decree- Appeal No: 407/25 |
| LLC FEB2026/000147 | 18/02/2026 | Mark Frendo | WSC | RE: 11, Sqaq Nru.1 Triq il-Kuncizzjoni, Lija |
| LLC FEB2026/000148 | 18/02/2026 | Vanessa Azzopardi | DLG | Re: Annual Budget for the year 2026 |
| LLC FEB2026/000149 | 19/02/2026 | Kyle Abela | Infrastructure Malta | Remittance PC015910 LIJ001.pdf |
| LLC FEB2026/000150 | 19/02/2026 | Marvic Vella | EPRT | Appell Nru 61/26 ( PA 532/25) - ext |
| LLC FEB2026/000151 | 19/02/2026 | Doreen Busuttil | Transport Malta | Applikazzjoni ghal parkegg riservat personalizzat |
| LLC FEB2026/000152 | 20/02/2026 | Alan Attard | Resident | Re: Triq Annibale Preca |
| LLC FEB2026/000153 | 20/02/2026 | Ruth Fiorini | Resident | Dangerous Situation - Triq Annibale Preca ( Urban HIve Area) |
| LLC FEB2026/000154 | 23/02/2026 | Mark Scerri | Resident | Re: Burning of garden waste. |
| LLC FEB2026/000155 | 23/02/2026 | Tristjan Nemanja Nikolic | Project Green | Re:  Works triq Merino- rubble complaint. |
| LLC FEB2026/000156 | 23/02/2026 | Lawrence Darmanin | Primary School | FW: Sleeping Police. |
| LLC FEB2026/000157 | 23/02/2026 | Lawrence Darmanin | Primary School | Re: Security during mornings and afternoons |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC FEB2026/000158 | 23/02/2026 | Mariella Silvio | DLG | Responsabbitilijiet tal kunsill u regjonali fir rigward tal - ipprocessar ta data personali |
| LLC FEB2026/000159 | 23/02/2026 | Ruth Calleja | EDU | Xalata ta kitba |
| LLC FEB2026/000160 | 23/02/2026 | Sindku | LLC | Hofor Godda ghal arbli tal festi |
| LLC FEB2026/000161 | 23/02/2026 | Sylvania Pace Bonello | Id Cards | Re: Tigdid tal- Karta ta' Identita f' Hal Lija- 2026d |
| LLC FEB2026/000162 | 25/02/2026 | Emil Vassallo | DLG | Sidewalk Libraries in your Locality |
| LLC FEB2026/000163 | 26/02/2026 | Martina Sammut | Regjun Lvant | Skema Finanzjarja mil Kunsill Regjonali Lvant Nru 2 |
| LLC FEB2026/000164 | 26/02/2026 | James Hamburger | Regjun Lvant | Re: Minn Pjazza Ghal Pjazza - Regional Assistance |
| LLC FEB2026/000165 | 26/02/2026 | Paula Balzan | Resident | Re: Triq Il-Forn ( hole ) |
| LLC FEB2026/000166 | 26/02/2026 | Antoine Borg Micallef | Resident | Request for Survery / New Road Markings - Preziosi Street LIja |
| LLC FEB2026/000167 | 26/02/2026 | Fr Cilia | Kappillan | Pellegringragg 12 Ta' Marzu |
| LLC FEB2026/000168 | 28/02/2026 | Fr Cilia | Kappillan | Purcizzjoni 26 Ta' Marzu |
| LLC FEB2026/000169 | 28/02/2026 | Fr Cilia | Kappillan | Pucizzjoni Hadd Il- Palm |
| LLC MAR2026/000170 | 03/02/2026 | Rudolph Cassar | Resident | RE: Lija- Double yellow lines in st Andrews Street Alley 1 |
| LLC MAR2026/000171 | 03/02/2026 | Segretarju | DLG | RE: Local Permits |
| LLC MAR2026/000172 | 03/02/2026 | Maria Bonnici | DLG | RE: Cirkulari 1/2026 |
| LLC MAR2026/000173 | 02/03/2026 | Matthew Cassar | Resident | Tyres Damage  In Triq G. Portelli |
| LLC MAR2026/000174 | 03/03/2026 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2026/021_Aggornament dwar hlasijiet lil pulizija u garanzija bankarja ghal - attivitajiet esterni |
| LLC MAR2026/000175 | 03/03/2026 | Marco Pace | DLG | Re: Talba ghal informazzjoni Aggornata dwar il- progetti li saru mill- Kunsill Lokali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAR2026/000176 | 03/03/2026 | Yanika Debono | MIB | Re: Renewal - Lija Local Council |
| LLC MAR2026/000177 | 03/04/2026 | Claudia Stafrace | DLG | RE: PQ 34820- Kunsill Lokali - Hmieg tal-annimali- Mizuri |
| LLC MAR2026/000178 | 03/04/2026 | Marica Axiaq | DLG | Cirkulari Nr 02/2026- Allowance ta' servizzi fit tul |
| LLC MAR2026/000179 | 03/04/2026 | Ruth Fiorini | Resident | RE: Dangerous Parking Situation - Triq Annibale Preca ( Urban Hive Area ) |
| LLC MAR2026/000180 | 03/04/2026 | Liberata Vassallo | MAFA | Debt Acceptance Letter - Lija Local Council re M4.4.pdf |
| LLC MAR2026/000181 | 03/04/2026 | Justine Decelis | LCA | Cir AKL 2026/03 General Assembly 2026 |
| LLC MAR2026/000182 | 03/05/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: FW: Incident bejn Il- Mosta u Hal- Lija |
| LLC MAR2026/000183 | 03/05/2026 | James Hamburger | Eastern Regional Council | Hamis ix- xirka -attivita |
| LLC MAR2026/000184 | 03/05/2026 | Micheal Cohen | Transport Malta | Re: Komunikat dwar Permessi ghal Tqeghid ta xi Posta jew Kiosks |
| LLC MAR2026/000185 | 03/06/2026 | Doreen Busuttil | Transport Malta | Applikazzjoni ghal parkegg riservat personalizzat |
| LLC MAR2026/000186 | 03/09/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | FW: Gbir ta' skart |
| LLC MAR2026/000187 | 03/09/2026 | Denise Vella | Police | RE: Triq Depiro Gourgion, Hal Lija |
| LLC MAR2026/000188 | 03/11/2026 | Alex Grima | Progressive | Re: FWD : Qoute accounting cloud based system - Lija Council - Progressive |
| LLC MAR2026/000189 | 03/11/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | SPI.SCI>02.2023- Finanzjament - Lokalijiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-gheluq -il- Gimgha , 8 ta' Mejju 2026) |
| LLC MAR2026/000190 | 03/12/2026 | Dorianne Diacono | DLG | RE: Skemi ta' Finanzjament 2026 ( L- Ewwel Parti ) |
| LLC MAR2026/000191 | 03/12/2026 | James Hamburger | Eastern Regional Council | Local Government Division financial 2026- Regional assistance |
| LLC MAR2026/000192 | 13/03/2026 | Audrey Borg | Cleansing | RE: Ticket #655324 Bin Jostakola bankina fi Triq In- Naxxar , Hal Lija |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAR2026/000193 | 13/13/2026 | Rachel Cauchi | RSM | RE: Qoute Cloud based accounting system- Lija Council- RSM Malta |
| LLC MAR2026/000194 | 15/03/2026 | Ruth Aquilina | Resident | Re: Mirror |
| LLC MAR2026/000195 | 16/3/2026 | Ellis McCullogh | Planning Authority | RE: PC notification |
| LLC MAR2026/000196 | 16/3/2026 | Liberata Vassallo | MAFA | RE:REF:MAFA/PAY/88/2020 |
| LLC MAR2026/000197 | 16/3/2026 | Mark Scibberas | St Pio X band Club | Dimostrazzjoni Irxorxt - St Pio X Band Club |
| LLC MAR2026/000198 | 16/3/2026 | Rita Mifsud | IURIS Advocates | RE: Qoutation for the service of a Data Protection Officer |
| LLC MAR2026/000199 | 16/3/2026 | Emil Vassallo | DLG | Informazzjoni dwar Servizz ta' Transport fil- Kommunita |
| LLC MAR2026/000200 | 16/03/2026 | Local Government RSVP at MCLG | DLG | Invitation; Press Conference- Digitalisation of Local Council Services |
| LLC MAR2026/000201 | 17/03/2026 | Nadia Camilleri | Enemalta | RE: Temporary removing of 2 light poles in Triq Pawlu Galea , Lija |
| LLC MAR2026/000202 | 17/3/2026 | Christiana Tabone | Infrastructure Malta | RE: Triq Panter in Lija there is a water storm culvert dislodged from its place and is very danger motorists. |
| LLC MAR2026/000203 | 17/03/2026 | John Montanaro | Smart Technologies Limited | RE: Qoute Cloud based accounting system- Lija Council- Smart Technologies |
| LLC MAR2026/000204 | 17/03/2026 | Gordon Bugeja | Resident | Re: Temporary Removal of street light pole from Triq Pawlu Galea |
| LLC MAR2026/000205 | 17/03/2026 | Angela Spiteri | Lombard Bank | Re: Complaint - following works carried out in Preziosi Street, Lija |
| LLC MAR2026/000206 | 18/03/2026 | Rita Mifsud | IURIS Advocates | RE: Qoutation for the service of a Data Protection Officer |
| LLC MAR2026/000207 | 18/03/2026 | Therese Pace | Resident | Re: Yellow Box |
| LLC MAR2026/000208 | 18/03/2026 | Andrea Borg Brincat | Eastern Regional Council | Re: Tfullija sessjoni ta' Informazzjoni |
| LLC MAR2026/000209 | 18/03/2026 | Alfred Zarifa | Resident | Manhole noise not solved |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAR2026/000210 | 18/03/2026 | Emanuel Borg | Resident | Re: Double Yellow Line |
| LLC MAR2026/000211 | 18/03/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | RE: Kontinwjazzjoni tax- xoghol fi Triq Il- Kuncizzjoni sqaq nru 1 |
| LLC MAR2026/000212 | 18/03/2026 | Justine Decelis | LCA | Cir AKL 2026/018_Bus shelters seminar 26/03/2026 |
| LLC MAR2026/000213 | 18/03/2026 | Clara Farrugia | WSC | RE: Sqaq IL- Kuncizzjoni |
| LLC MAR2026/000214 | 19/03/2026 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | RE: Xalata ta Kitba |
| LLC MAR2026/000215 | 20/03/2026 | Wilson Mifsud | WM Environmental LTD | Re: Update re Tender for street sweeping in the locality of Hal Lija using low emission service vehicles - LLC 05/2023 |